



Awrora

Mat-tokki tal-aħħar għabex missieri u omni kienu jeħduna fuq il-gverta tal-vapur tal-art. Għal xi nofsillejl, meta l-aħħar xemx tkun niżlet, l-atmosfera kienet issir ħuġġieġa b'awrori ta' kull lewn.

Fuq il-pjaneta tagħna l-lejl kien qasir allura konna nużaw dan il-ħin biex nivvjaġġaw qabel titla' t-tieni xemx. Taħt sema kwiekeb, il-vapuri kienu qishom merħla ta' msiebaħ il-lejl bid-dwal mixgħula. Konna nieqfu nistrieħu ġewwa l-vapuri malli titla' t-tielet xemx. L-ingeniera kienu jgħaddu minn vapur għal ieħor biex jaraw x'tiswijiet setgħu jsiru u l-lavranti kienu jtellgħu l-ikel mill-fetħiet fejn qabel kien hemm il-kanuni.

F'dak iż-żmien tas-sena konna qegħdin naqsmu d-deżert ta' Ħabel Wati li kien jifred il-pjaneta f'żewġ kontinenti kbar. Eluf ta' snin qabel dan kien baħar miżgħud bil-vapuri jaqsmu minn naħa għal oħra. Wara Żmien il-Katakliżmu l-baħar kien għeb u l-qiegħ kien miżgħud bil-vapuri mitluqa. It-tribujiet ħatfu dawn il-vapuri u l-kapijiet taw ordni biex jitwaħħlu roti kbar mal-bwieq u minn vapuri tal-baħar saru vapuri tal-art.

Kull tribù kien jaqdef għal rasu. Il-vapuri l-kbar kienu jużaw il-kanuni u l-ħarpuni biex jaħtfu vapuri iżgħar u jużaw ir-riżorsi tagħhom. It-tribù tellief kellu għażla – jew jittanta xortih fid-deżert bejn il-kontinenti, jew jispiċċa qaddej tat-tribù rebbieħ.

Min kien b'saħħtu kellu l-jedd li jiddetta fuq oħrajn aktar dgħajfa.

Maż-żmien beda jkun hemm sens ta' skuntentizza fost iż-żgħażaġħ, imxebbgħin min-nuqqas ta' sens komun. Meta l-akbar vapuri tal-art kienu ġew ras imb ras madwar għadira kbira tal-ilma u msagħar tal-frott u l-ħxejjex, għoddhom se jitqatlu dwar il-benna tal-art, raw tfajla miexja fuq ir-ramel quddiem folla żgħażaġħ. Kienet se titla' t-tielet xemx, meta ħadd ma kien ikun barra. Madanakollu, dawn iż-żgħażaġħ – ġejjin minn kull qasam soċjali tat-tribujiet – kienu mexjin ħafja fil-wesgħa bejn il-vapuri.

Iż-żagħżuġha li mexxiethom talbet bil-ħerqa biex jieqaf il-ġlied għar-riżorsi, biex irattbu qalbhom u rashom u ma jibqax jinxtred demm għalxejn. Id-diskors tagħha dam għaddej u ftit jiftakruh kollu. Li jiftakru żgur hu li f'dik ir-roqgħa tad-deżert il-vapuri tal-art irmew il-porvli u żarmaw il-kanuni u dewbuhom f'għodda.

Jiftakru wkoll kif din it-tfajla, li wara saru jafu li kien jisimha Awrora, marret kontra l-kurrent ta' konflitt li ntiret minn ġenerazzjoni għal oħra u għamlet differenza għal dawk ta' warajha.